MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 20/2005

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-28 ta' Frar 2005, li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu ammont illi jigi likwidat mit-Tribunal bhala hlas u kumpens gust ghal diversi servigi rezi mill-atturi lill-istess konvenuti matul dawn l-ahhar snin u li kienu jikkonsistu b'mod specjali fit-tindif, manutenzjoni, u harsien tal-proprjeta' tal-konvenuti matul ix-xhur tax-xitwa kif ukoll qadjiet ohra bhal hlas ta' kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma li kienu dovuti mill-konvenuti.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Gie dikjarat mill-atturi ghal fini tal-kompetenza li l-pretensjoni taghhom ma teccedix l-erbgha mitt Liri Maltin (Lm400), illum ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centesimi (€931.75).

Ra r-risposta tal-konvenuta nomine tal-11 ta' Mejju 2005, li tghid hekk :-

'Illi preliminarjament hemm l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae valoris* billi huwa stabbilit li l-valur incert jew indeterminat jaqbez il-kompetenza tat-Tribnal ta' gurisdizzjoni limitata.

Illi prelimiarjament ukol it-talbiet attrici huma totalment jew in parti preskritti ai termini tal-ligi.

Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati sew fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

Illi m'huwa dovut l-ebda hlas ghal kwalunkwe servizzi li gew rezi mill-atturi lill-konvenuti, u dan billi kwalunkwe ghajnuniet li setghu tawhom gew moghtija minghajr l-intendiment li jsir hlas ghalihom, izda kjarament bl-animu ta' buon vicinat. Tant hu hekk illi kwalunkwe' ghajnuniet li setghu kienu jinghataw waqfu appena r-rapporti ta' bejn il-partijiet iddeterjoraw.

Illi l-esponenti hallsu l-ammonti kollha dovuti minnhom bi hlas ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.'

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra wkoll l-atti tal-kawza Avviz numru 35/05, fl-ismijiet : George Refalo vs Dr. Georgine Grech noe, in kwantu u sa fejn il-provi f'dik il-kawza japplikaw ghal din il-kawza.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' prestazzjonijiet u servizzi ohra rezi mill-atturi lill-konvenuti mifruxa fuq perjodu ta'

snin. Qabel ma jigi kunsidrat il-meritu, dan it-Tribunal ser jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, dik dwar l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal *rationae valoris* u dwar il-preskrizzjoni.

Dwar il-kwistjoni ta’ l-inkompetenza, din hija insostenibbli. L-artikolu 3(2) tal-Kap.380 jaghti gurisdizzjoni lil dan it-Tribunal li jisma’ u jaqta’ dawk it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn tliet elef erbgha mija u erba’ u disghin Euro u sitt centesimi (€3494.06) ekwivalenti ghal elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500). Jirrizulta mill-avviz tat-talba li ghalkemm l-ammont li qed jintalab huwa *da liquidarsi*, il-pretensjoni tal-atturi ma tiskorrix is-somma ta’ disa’ mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centesimi (€931.75) ekwivalenti ghal erbgha mitt Lira Maltin (Lm400). Gie ritenut li ‘f’kawza ghall-hlas ta’ servigi, fejn it-talba hija ghall-likwidazzjoni u hlas tas-servigi, it-talba ghall-likwidazzjoni tas-servigi hija necessarjament preordinata ghall-hlas taghhom, u ma thassarx l-oggett principali tad-domanda, li huwa dak tal-hlas tas-servigi. Dak il-pagament huwa l-oggett principali tal-kawza, u l-likwidazzjoni hija dikjarazzjoni necessarja sabiex l-attur jirnexxi fid-domanda ghall-kundanna ghall-hlas’ [Prim’Awla, **Avv. Dott. Giuseppe Pace et vs Avv. Dott. Giuseppe Vella noe et**, 01/10/1948., Kollez. XXXIII.II.311]. Din l-eccezzjoni qeghdha ghalhekk tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni, din ukoll mhix qed tigi accettata. Jigi osservat li l-konvenuti m’ghamlu ebda riferenza specifika ghall-artikolu determinat tal-ligi, u kif gie ritenut li ‘biex Qorti tista` tiehu konjizzjoni ta` perjodu ta’ preskrizzjoni, trid issir riferenza specifika ghall-artikolu determinat tal-ligi, u mhux lecitu li dik l-eccezzjoni tigi sollevata b’semplici indikazzjoni taz-zmien li allegatament skada minn fuq l-obbligazzjoni’ [Prim’Awla, **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius**, 11/12/2003; **Mizzi vs Bonello**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Gunju 2003]. In-nuqqas ta’ riferenza specifika ghall-artikolu tal-ligi in sostenn tal-eccezzjoni mqajma mill-konvenuti, dan it-Tribunal iqisha

daqs li kieku din l-eccezzjoni ma tqajmet xejn. 'L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhiex wahda minn dawk li tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*, izda jehtieg li tali eccezzjoni, biex tkun trattata, tigi sollevata formalment' [Prim'Awla, **Catania vs Agius**, 11/12/2003; **Manche` vs Said**, 28/05/2003]. U ma jistax jitqies li din l-eccezzjoni giet sollevata formalment, minghajr ma saret riferenza specifika ghall-artikolu determinat tal-ligi. Din l-eccezzjoni qeghdha ghalhekk ukoll tigi michuda.

Rigward il-meritu, minn zmien antik il-gurisprudenza stabbiliet dawn il-proncipji :

- 'Il-bazi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien : jigifieri, fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu zmien twil accettat li l-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas, ghandu jitqies il-waqt meta nghataw tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservux biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu. Il-fatt li ma hemm l-ebda rabta ta' qrubija bejn min jaghti u min jircievi s-servizzi, jista' u generalment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-hlas jew kumpens xieraq. Il-fatt li min ta s-servizzi kellu fi hsiebu xi ghamla ta' gharfien iehor minbarra hlas dirett huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita' tas-servizz moghti, ukoll jekk dik it-tama jew weghda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn ghal raguni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha. Biex titwaqqa' l-prezunzjoni li servigi nghataw gratuwitament, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin u konvincenti bizzejjed biex iwaqqaghha. [Prim'Awla, **Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi**, 19/05/2005; **Joseph Portelli et vs RIK Limited**, 16/12/2003; **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil**, 28/05/2003; **Albert Borg Falzon et vs AIC Salvino dei Conti Manduca**, 09/01/1951, Kollez. XXXV.II.335] ;

- ‘Il-gurisprudenza taghna hija konkordi fil-principju li tista’ tkun dovuta mercedi ghal servizzi prestati, anke’ jekk mhux pattwita, meta mill-kontest tac-cirkostanzi jidher li l-hlas hu dovut. Il-prestazzjoni gratuita ma ghandhiex tkun prezunta, u l-intenzjoni li wiehed jirrinunzja ghall-kumpens ma ghandhiex tigi facilment akkolta, u kull servigi ghandu jigi ritenut prestat bi speranza ta’ kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi kuntrarji li jistabilixxu konkludentement il-gratuita’ sija pure meta hemm relazzjonijiet ta’ parentela’ [Qorti tal-Kummerc, **John Axiaq vs Domenico Mifsud et**, 09/01/1952, Kollez. XXXIV.III.588] ;

- ‘Azzjoni ghall-hlas ta’ kumpens ghal servigi rezi, skond il-kunsens unanimu tal-gurisprudenza nostrali, hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimament fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-intiza li jithallas, ammenokk’ meta ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu – *familiaritatis vel pietatis causa*’ [Prim’Awla, **Ivy Angus vs Joseph Calleja noe**, 15/02/1958, Kollez. XLII.II.923] ;

- ‘Jekk il-prestant tas-servigi kellu f’rasu illi minflok kumpens pekunjarju, jottjeni korrispettiv iehor minghand il-persuna servuta, u dan il-korrispettiv iehor ma jigix konsegwit, allura il-prestant tas-servigi mhux prekluz illi minfloku jottjeni kumpens pekunjarju’ [Appell, **Carmela Farrugia vs Mary Abela**, Kollez. XLV.I.301].

Ezaminati l-fatti li jemergu mill-provi li l-atturi thallsu minghand il-konvenuti ta’ dawk is-servizzi u tas-spejjez li dwarhom kien hemm ftehim bejn il-partijiet fosthom il-hasil tal-lozor u bjankerija, tindif tal-appartament u tal-partijiet komuni, xiri ta’ hwejjeg u oggetti tal-ikel, u hlasijiet ta’ kontijiet tad-dawl u tal-ilma, irid jigi ezaminat jekk l-atturi ghandhomx dritt li jithallsu ta’ prestazzjonijiet u nkomdi ohra li rrendew lill-konvenuti fl-interess tal-istess konvenuti fosthom il-hin li l-atturi hadu biex marru u hallsu dawn il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, u biex ghamlu ix-xirjiet, u tal-

ispejjez relattivi tat-trasport, u biex sabu haddiema u qaghdu maghhom sa ma ddahhlu s-servizzi u/jew sa ma saru x-xogholijiet ta' manutenzjoni u tiswija fil-flat tal-konvenuti minn zmien ghal zmien. Ghal xi zmien ir-relazzjonijiet tal-partijiet tidher li kienet wahda eccellenti, u ma kienux ifittxu daqstant ma' xulxin. Gara li f'xi zmien dawn ir-relazzjonijiet ma baqghux daqstant tajbin wara li l-atturi kienu krew lil terzi s-sular t'isfel tal-blokk ghall-gestjoni ta' nightclub, u kienu ttiehdu passi mill-konvenuti biex jigi eliminat l-inkonvenjent. Madanakollu mill-provi ma jirrizultax li ta' dawn l-inkomdi l-atturi kienu qeghdin jaghmluh b'mod gratuitu jew fuq xi bazi umanitarja, u kienu qeghdin jistennew li b'xi mod ghad xi darba jigu kumpensati taghhom. Veru li din il-kwistjoni skattat ruhha wara li r-relazzjonijiet ta' bejniethom ma baqghux daqstant tajbin, u l-atturi bla ma nterpellaw lill-konvenuti ghall-hlas, huma qabdu u pprocedew b'din il-kawz – fattur li dan it-Tribunal ser jiehu kunsiderazzjoni tieghu meta jigi biex jiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez. Kollox ma' kollox pero' u meta dan it-Tribunal fela c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, huwa tal-fehma li l-atturi jisthoqqilhom li jigu kumpensati tal-hin li ddedikaw fl-interess tal-konvenut, u qed jiffissa bhala hlas *arbitrio boni viri* s-somma komplessiva ta' hames mitt Euro (€500) ghal dawn il-pretsazzjonijiet u nkomdi ohra mifruxa fuq numru ta' snin.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' hames mitt Euro (€500) ghall-prestazzjonijiet u nkomdi ohra prestati minnhom fl-interess tal-konvenuti. Bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dottor Mario Scerri
Gudikatur

Jaclyn Magrin
Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------